# Hawn Niltaqghu ma' S. Guzepp (6)

minn TONY TERRIBILE

Din hi s-sitt sena li flimkien se nerġgħu nduru numru ta' rħula Maltin li fihom se niltaqgħu ma' aktar niċeċ ta' San Ġużepp. Din is-sena se nżuru l-irħula sbieħ u tipiċi Maltin ta' Ħal-Għaxaq, Ħal-Luqa, Ħal-Safi, il-Mellieħa u Marsaxlokk. F'dawn il-ħames irħula aħna niltqagħu ma' 15-il niċċa mwaqqfa f'ġieh San Ġużepp.

**ĦAL-GĦAXAQ:**

F'dan ir-raħal niltaqgħu ma' sitt xbihat u kollha jidhru li saru meta f'dan ir-raħal il-festa ta' San Ġużepp bdiet issir bil-kbir, tant li llum saret il-festa sekondarja tar-raħal b'każin u partit kbir. Dawn is-sitt niċeċ huma kollha miżmumin tajjeb, u minbarra waħda kollha huma mdawwla bid-dawl.

Fi Triq Santa Marija nsibu tliet niċeċ. L-ewwel waħda, li hi tassew oriġinali għax hi mdawra bi kwantita' ta' bebbux, tinsab fuq id-dar magħrufa bħala "Id-Dar ta' Massi".

L-oħra nsibuha fuq dar nru. 40, li hi niċċa kbira f'kantuniera u għal-hekk iddur nofs tond.

Sabiħa wkoll hi n-niċċa ta' San Ġużepp li nsibu f'kantuniera ta' din it-triq ma' Triq Santu Rokku. Hi niċ-ċa devota u popolari sew man-nies tar-raħal.

F'kantuniera bejn Triq San Pawl u Pjazza San Filippu niltaq-għu ma' niċċa oħra li l-istatwa tagħ-ha hi replika ta' l-istatwa ta' San Ġużepp tal-Parroċċa.

Fl-istess Triq San Pawl fi Sqaq Nru. 3 niltaqgħu ma' niċċa żgħira ta' San Ġużepp.

F'dan ir-raħal insibu sqaq im-semm għal San Ġużepp u f'dan l-isqaq insibu niċċa ta' San Ġużepp imqegħda f'niċċa ta' stil sempliċi.

**ĦAL-LUQA:**

F'dan ir-raħal insibu ħames niċeċ ta' San Ġużepp.

Fi Triq il-Ġdida niltaqgħu ma' tnejn minnhom waħda fuq dar nru. 3 u l-oħra fuq dar nru. 37. Jidher li t-tnejn huma niċeċ qodma. Dik ta' fuq dak nru. 3 qalt ma ġiet miż-bugħa u għadha wkoll bil-fanal qud-diemha u l-oħra hi mżejna bl-indul-ġenzi mogħtija mill-Arċisqof Pietro Pace fl-1895.

Waħda mill-eqdem niċeċ li baqa' f'dan ir-raħal insibuha f'kantuniera bejn Triq San Ġużepp u l-Pjazza tal-Parroċċa. B'xorti tajba din in-niċċa għadha wieqfa għalkemm fl-aħ-ħar gwerra madwarha ġġarraf kollu.

In-niċċa l-oħra ta' San Ġużepp insibuha fuq dar nru. 75 Triq il-Ġdi-da filwaqt li fuq dar nru. 61 Triq ix-Xatba nsibu niċċa nteressanti tas-sew. L-ewwelnett il-pożizzjoni tal-qaddis għalkemm lil Bambin narawh ħdejn saqajn il-qaddis u t-tieninett

il-prospettiva ta' mad dawra tan-niċċa mhix tal-ġebel iżda skulturata fl-injam. Hi wkoll imżejna bl-indulġenzi mogħtija fl-1882.

**ĦAL-SAFI:**

Għalkemm f'dan ir-raħal insibu niċċa waħda ta' San Ġużepp f'kantuniera fi Triq imsemmija għalih, din in niċċa hi interessanti għal żewġ raġunijiet. L-ewwelnett bħala statwa fiha skultura mill-aqwa u żgur li hi xogħol ta' xi skultur tajjeb. It-tieninett hi waħda mill-eqdem niċeċ ta' San Ġużepp f'dawn il-gżejjer għaliex fl-1706 kienu ġew mogħtija indulġenzi għal min jitlob quddiem din ix-xbieha.

**MELLIEĦA:**

L-unika statwa ta' San Ġużepp f'dan ir-raħal insibuha fuq dar nru. 3 Triq il-Kbira fejn għandna niċċa qadima li xejn m'hi miżmuma tajjeb.

**MARSAXLOKK:**

Hawnhekk insibu żewġ niċeċ waħda f'kantuniera bejn ix Xatt u Triq is-Salvatur u l-oħra f'kantuniera bejn Triq San Ġużepp u Triq Santa Katerina. Din ta' l-aħħar hi miżmuma tajjeb u hi isbaħ mill-oħra.



**Alto Reliev fil-ġebla Maltija, li juri s-Sagra Familja, li tinsab fil-Kappella ta' San Anton fil-Palazz ta' Verdala l-Buskett. Tpoġġiet f'din il-Kappella mitt sena ilu fl-1887, fejn qabel kienet fil-knisja tal-Purifikazzjoni tal-Madonna, f'ta' Xewxa, il-Buskett.**

Fis-26 t'April 1767 (220 sena ilu) kien sar pellegrinaġġ bil-Vara Mirakuluża ta' San Ġużepp ix-Xiħ, mill-knisja Franġiskana Ta' Ġiesu Rabat għall-kappella ta' Xewxa.

## KONT TAF:

Li fl-1978 il-Banda L'Isle Adam, daqqet għall-festa ta' San Pawl fil-Belt Valletta.



AL

Clarissimo Patriarca

SAN GIUSEPPE

CON SOLENNI RITI E SPECIAL POMPA FESTEGGIATO

DALLA SUA ARCICONFRATERNITA'

NELLA CHIESA DEI RR. PP. MM. OSSERVANTI DEL RABATO

DELLA NOTABILE

FUNZIONANDO IL RMO: CAP. DELLA CATTEDRALE

IL 19 MARZO 1887.

INNO.

Svegliati e il tuo silenzio
Rompi, o cetra, di lodi
Un bel serto 'mai, un cantico
Intreccia in novi modi
All'Eroe impareggiabile
Di rara santità.

Ma di mortal qual nobile
Qual alto ingegno ardito,
D'estro il più grande e fervido
Qual vigore smarrito
Giammai, all'ammirabile
Tua altezza non andrà?

Corso ancora non ebbero
I secoli, non era
Spiegata ancor sul mobile
Globo l'eterea sfera;
L'alma luce a risplendere
Surta non era ancor;

E già l'eterno Artefice
Qual padre T'eleggea
Di quella Prole amabile,
Che le genti togliea
Dal crudo giogo e misero
Di servitù e dolor;

E a Sposo della Vergine
Che a stupor di natura
Vil preda mai non giacquesi
A Satana; ma pura
Ma bella col piè 'burneo
Sua testa gli calcò;

Oh! d'Eva chi fra i posteri
Tal ebbe dignitade?
Di tua gloria ineffabile
Qual tempo, qual etade,
Di Davide o germe inclito,
Altra maggior cantò?

Qual merto tuo, qual grazia
T'alzò a s'eccelso, a tale
Onor che mente angelica
A capirlo appen vale?
Forse chè un sangue regio
Corresi in tue ven?

Forse chè suoi don prodiga
Natura in Te comparse,
E le blande sue grazie
Sul tuo volto scherzarse,
E tutto il grande, il nobile
Presidesti appien?

Ah! no, ma perchè candido
Giglio non v'ha che tenti
Al tuo candore reggere;
E dei bei firmamenti
Il più chiaro astro e fulgido
Gli cedesi in fulgor.

E a niun fuor che al mirifico,
Divo, intatto candore
Di tua Consorte vergine,
Di Gesse il più bel fiore,
Il tuo secondo restasi
Verginale candor.

Oh! salve dell'Empireo
Figlia, santa virtute!
Tu in angelico spirito,
O Castità, tramuti,
Tu l'uom su trono collochi
D'alta gloria immortal.

Deh, Tu, o Veglio castissimo,
Fa che s'infiori e abbelli
Di questa virtù l'anima,
Che da sua nivea e bella
Man ora, mente governisi
Di tutti noi mortal.

[illegible]

[illegible]

M. & P. [illegible]



PER

IL GIORNO FESTIVO

DEL

G. P. S. GIUSEPPE

SOLENNIZZANDOSI DALL' INSIGNE ARCICONFRATERNITA

NELLA VEN. CHIESA DEI RR. PP. MIN. OSS. DEL RABATO NOTABILE.

Li 19 Marzo 1887.

CANTICO

Palesiam' in canto
Di Giuseppe la gloria;
O cristiani, del Santo
Oggi fate memoria.

Lo Sposo di Maria,
Tutore di Gesù
Festeggia, alma mia,
Per la sua virtù.

Per lodare Giuseppe
Che basta nostro canto?
Ei con Maria stette,
E col Celeste Santo.

Quanto, gran Patriarca,
Fu bello l'amor!
Ch' al Divin Monarca
Dimostrò tuo cor.

Ajo del Divo Figlio,
Tua famiglia canta:
L' odor di tuo giglio
Migliora d' ogni pianta.

Col giglio che tu tieni,
Splendente di bianchezza;
Deh! confortarc vieni
La sua debolezza.

Sovente a lei pensa,
E da quest' esiglio,
'Vo in ciel pervenga
Un dì, senza periglio.

Nihil obstat.
Henr. Can. Carcana,
Cens. Theol.

Filippo Montanaro,
Chen.
Fallens.

Tip. V. Abela Sda. San. Paolo No. 221.

Żewġ Sunetti ta' mitt sena ilu, mill-kollezzjoni tas-Sur Tony Terribile, Sliema.